**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

## SEBA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 09/2017

**It-Tnejn 28 ta' Awwissu, 2017**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fis-1:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Raymond Lanzon – Viċi Sindku
Evelyn Vella Brincat - Kunsillier
Mark Causon - Kunsillier
Charles Cesare – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
Ma kien hemm ħadd assenti b'appoloġija.

**ASSENTI**
Ma kien hemm ħadd assenti.

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv
Jesmar Scicluna - Ambaxxatur Lokali għaż-Żgħażagħ

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

## 9.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

9.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li ma kien hemm ebda appoloġija.

## 9.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 08/2017.

9.2.1 Is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 08/K7/2017 kif ippreżentati.

9.2.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

9.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9.3. Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

9.3.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 9.4 Komunikazzjoni mis-Sindku.

9.4.1 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/2828/17/I** dwar il-parteċipazzjoni tal-Kunsill fil-Benchmark on the Label of Innovation and Good Governance (EloGE award), fejn ippropona li l-Kunsill għandu jerġa' jipparteċipa.

9.4.2 Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

9.4.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.4.4 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/2825/17/I** dwar l-ammont ta' €28,419.00 fondi disponibbli mill-UIF, fejn ippropona li dawn għandhom jiġu nvestita fl-upgrading tal-picnic area inkluż li jitqabbad il-Perit tal-Kunsill biex jipprepara l-BOQ neċessarju, liema upgrading għandu jinkludi dawl tul Triq Anzio, outdoor furniture u kwalunkwa suġġeriment ieħor li jtejjeb l-użu u l-estetika tal-post.

9.4.5 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

9.4.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.4.7 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/2765/17/I** dwar Ċirkulari 22/2017 – Inizjattiva Finanzjarja favur il-Komunita' – Libreriji Lokali, fejn ippropona li l-Kunsill għandu jipparteċipa f'din l-inizjattiva u jinvesti €800 mat-€800 li lest joħroġ id-DGL.

9.4.8 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

9.4.9 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.4.10 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/2758/17/I** dwar Ċirkulari 21/2017 – Inizjattiva dwar Restawr ta' Postijiet Storiċi 2017, fejn

ippropona li l-Kunsill iqabbad lill-Perit tal-Kunsill biex jipprepara applikazzjoni biex jitkompla r-restawr tal-Batterija ta' Pembroke.

9.4.11 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

9.4.12 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.4.13 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/2756/17/I** dwar il-programm Life & Style li ser jibda jixxandar minn Ottubru fuq Net TV fejn wara l-kummenti tal-Kunsillier Evelyn Vella Brincat ippropona li sal-aħħar tal-ġimgħa kull min jaf b'xi persuna ta' talent jinforma lill-Kunsill u l-informazzjoni tingħadda lill-programm.

9.4.14 Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

9.4.15 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.4.16 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/2746/17/I** dwar it-Tilqima tal-Vaċċin tal-influwenza 2017, fejn ippropona li l-Kunsill għandu jipparteċipa f'din l-inizjattiva bħal ma sar fis-snin li għaddew.

9.4.17 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

9.4.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.4.19 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/2740/17/I** dwar attivita' li ser issir minn Valletta18 nhar is-Sibt 21 ta' Lulju 2018 fil-grounds tal-Iskola Sekondarja Pembroke (Kulleġġ Santa Klara), fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għal din l-attivita' u talab li għandha ssir laqgħa mal-organizzaturi biex jiġu ko-ordinata l-loġistika fuq barra ta' fejn ser isir l-avveniment.

9.4.20 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

9.4.21 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.4.22 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/2735/17/I** dwar il-Queen's Baton Relay li ser iżżur Pembroke nhar is-Sibt 23 ta' Settembru 2017 bejn il-11:00am u n-12:00, fejn ippropona li l-Kunsill għandu jospita din l-opportunita' u jipprova jinvolvi kemm jista' jkun għaqdiet mill-lokal biex jipparteċipaw.

9.4.23 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

9.4.24 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.4.25 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/2837/17/I** dwar Blood Donation Drive minn COO, Zanzi Homes u Quicklets, fejn ippropona li l-Kunsill japprova din l-inizjattiva u ma jsibx oġġezzjoni.

9.4.26 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

9.4.27 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.4.28 Is-Sindku Dean Hili għamel refereza għall-korrispondenza **46/2856/17/I** dwar il-programm Xift li ser jibda jixxandar minn Ottubru fuq TVM, liema programm ser jibda jipromwovi l-lokalitajiet u għalhekk il-Kunsill intalab jipprovdi ċertu dettalji u kuntatti biex jiġu mistiedna fil-programm, fejn ippropona li l-Kunsill għandu jipprovdi l-informazzjoni mitluba.

9.4.29 Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

9.4.30 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.4.31 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għal-ilment li rċieva mingħand resident li joqgħod Trejqet Antonio Mallia dwar logħob tal-ballun fil-partijiet komuni u talab biex tinstab soluzzjoni. Il-kelliem ippropona li titpoġġa konka u jinżergħu xi fjuri fihom.

9.4.32 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

9.4.33 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.4.34 Is-Sindku Dean Hili ppropona li fid-daħla tal-basement tal-garaxxijiet ta' Sit A5 - A11 għandha titwaħħal tabella li skart depozitat mhux ser jinġabar mill-Kunsill sakemm ma jkunx ibbukjat bħala skart goff, u jinħareġ biss nhar ta' Ġimgħa filgħodu. Skart ieħor li jkun ġie depositat abbużivament mhux ser jinġabar.

9.4.35 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

9.4.36 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9.5 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

9.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 35/2017** - Lista ta' laqgħat li saru bejn laqgħa referenza 08/K7/17 u 09/K7/17. **(Dok. 1)**
- **Internal Memo 36/2017** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 08/K7/17 u 09/K7/17. **(Dok. 2)**

9.5.2 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li ma kien hemm ebda lmenti pendenti bejn il-laqgħa li għaddiet u dik preżenti.

9.5.3 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 36/2017** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

9.5.4 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

9.5.5 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9.6 Tender 2017/01 for the Provision of Legal Consultant Services.

9.6.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li kif diġa rrimarka fil-laqgħat preċedenti, l-offerti kienu nfetħu iżda rrimarka li l-evelwaturi kien għadhom m'għamlux l-evalwazzjoni tagħhom u għalhekk dan l-item għandu jiġi diskuss f'laqgħa oħra. Il-kelliem fakkar li l-kuntratt eżistenti kien ser jiskadi fl-aħħar ta' Awwissu 2017.

## 9.7 Proposta għall-proġett pilota biex il-Pembroke P&R jibda jintuża bħala hub lokali għat-trasport tat-tfal tal-iskola.

9.7.1 Is-Sindku Dean Hili nforma lill-Kunsill li wara laqgħa li saret fil-jiem li għaddew mal-Bord tat-Traffiku fi ħdan TM, kien qed jipproponi li l-Kunsill iressaq lill-

Awtoritajiet proposta biex fil-lokal isir proġett pilota li jinvolvi t-trasport tat-tfal tal-iskejjel minn u lejn il-lokal mill-ġenituri tagħhom. Dan billi kull ġenitur iwassal lit-tfal tiegħu fil-park and ride, ikun hemm pooling ta' trasport li jitħaddem mill-Kunsill bil-koperazzjoni tal-iskejjel kollha u TM u jkun hemm speċi ta' shuttle service. Dan kollu jwassal li ma jkunx hemm il-bżonn li ammont kbir ta' vetturi żgħar jidħlu fit-toroq tal-lokal u jimblukkaw it-traffiku kollu. Il-kelliem irrimarka li jekk il-Kunsill jaqbel ma' dan il-kunċett, irid ikun hemm xi tip t'infurzar mill-iskejjel ukoll biex jiġi ntrodott bħala enviromentally friendly measure.

9.7.2 Il-Kunsillier Mark Causon issekonda.

9.7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9.8 Konsultazzjoni dwar policies proposta mill-AKL għal:

**(1) Tables and Chairs,**

**(2) Is-Swieq fil-Beraħ,**

**(3) Ġbir u l-Immaniġġjar ta' Skart, u**

**(4) Assenjar ta' Ħaddiema mal-Kunsill li jkunu parti minn skema.**

9.8.1 Is-Sindku Dean Hili ppropona li l-Kunsill jaqbel mal-policies li qed tipromwovi l-AKL. Saret diskussjoni wkoll dwar inċentivi għall-ġbir ta' skart riċiklat fejn il-Kunsill javviċina lill-Green Pak ħalli javviċinaw l-iskejjel, ħwienet u għaqdiet sportivi tal-lokal u jsir sforz biex jikber l-ammont fil-ġbir ta' skart għar-riċiklaġġ.

9.8.2 Il-Kunsillier Charles Cesare ssekonda.

9.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9.9 Talba biex is-sit tan-Natura2000 u fejn qed jipproponu CHS jiġu dikjarata żona t'interess b'dominju pubbliku.

9.9.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-oġġezzjonijiet li qed isiru vis-a-vis l-iżvilupp propost fiq ix-xagħri faċċata ta' Triq Gabriele Henin, fejn ippropona li l-Kunsill m'huwiex kontra l-iżvilupp tal-iskola, iżda kontra kull żvilupp f'din iż-żona tant li l-Kunsill għandu jappoġġja t-talba li qed isir rmill-NGO's FAA biex is-sit jiġi dikjarat bħala żona t'interess b'dominju pubbliku u li ż-żona għandha tiġi dikjarata bħala ODZ.

9.9.2 Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

9.9.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

9.9.4 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon ippropona li l-Kunsill għandu jitlob laqgħa mal-Ministeru tal-Edukazzjoni sabiex jara l-fehma tal-Ministru dwar l-iżvilupp propost tal-CHS.

9.9.5 Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

9.9.6 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9.10 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.

9.10.1 Is-Sindku Dean Hili ppreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Dok. 3 sa 5)**

9.10.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ppropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata.

9.10.3 Il-Viċi Sindku Raymond Lanzon issekonda.

9.10.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 9.11 Mozzjonijiet.

9.11.1 Is-Sindku Dean Hili nforma li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 9.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

9.12.1 Il-laqgħa ntemmet fis-2:45pm u ġiet aġġornata għas-26 ta' Settembru 2017 fil-5:30pm.

Konfermati, illum 26 ta' Settembru, 2017

**IFFIRMATA**
Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMATA**
Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 1

**Internal Memo Referenza 35/2017** **28 ta' Awwissu 2017**

# Laqgħat li saru bejn il-Laqgħa 08/K7/17 u 09/K7/17

| Data | Suggett | Post | Min attenda |
|---|---|---|---|
| 27/07/2017 | Laqgha tal-Kunsill numru 08/K7/2017 | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Evelyn Vella Brincat<br>Charles Cesare<br>Kevin Borg |
| 02/08/2017 | Laqgha mas-sur Michael Cohen rigward Triq il-Mediterran u l-Junction ta' St. Patricks | Ministeru ghat-Trasport | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 07/08/2017 | Laqgha mat-Traffic Management Board immexxi minn Silvio Scerri | Aviation Avenue Luqa | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 08/08/2017 | Laqgha Pubblika dwar PA 5424/17 dwar proposta ta' skola gdida | Triq Gabriele Henin | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Evelyn Vella Brincat<br>Mark Causon<br>Charles Cesare<br>Kevin Borg |
| 10/08/2017 | Laqgha ma' raprezentanti ta' Valletta 2018 rigward attivita li ser issir f'Pembroke | Kunsill Lokali Pembroke | Kevin Borg |

PEMBROKE

**Sindku** : Dean Hili LL. D. **Viċi Sindku** : Raymond Lanzon
**Kunsilliera** : Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

| | | | |
|---|---|---|---|
| 17/08/2017 | Laqgha ma' l-Onor Chris Agius dwar is-sitwazzjoni tal-bini f'Pembroke u l-applikazzjoni ta' skola gdida | Triq Francesco Bon Amici, Floriana | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 18/08/2017 | Laqgha mas-sur Gilbert Abela rigward car show li ser issir b'risq l-MCCF gewwa l-Parade Ground | Kunsill Lokali Pembroke | Kevin Borg |
| 21/08/2017 | Stedina mill-Malta Olympic Committee ghal-laqgha dwar Queen's Baton Relay | MOC Headquarters | Kevin Borg |
| 23/08/2017 | Laqgha mal-Onor. Agius Decelis dwar Dar f'Pembroke għall-persuni b'diżabilita' | Palazo Ferreria, Valletta. | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 24/08/2017 | Laqgha mas-sur Samuel Bajus minn Tennis Line re Investment opportunity | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 24/08/2017 | Social Impact Assessment Interview rigward il-Progett ta' l-ITS | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Kevin Borg |
| 24/08/2017 | Laqgha mal-Malta Development Association rigward l-gholi tal-bini f'Pembroke | MDA office | Dean Hili |
| 28/08/2017 | Laqgha ma' Chiswick House School | Kunsill Lokali Pembroke | Dean Hili<br>Ray Lanzon<br>Evelyn Vella Brincat<br>Mark Causon<br>Kevin Borg |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 8 2

**Internal Memo Referenza 36/2017**

**28 ta' Awwissu 2017**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 08/K7/17 u 09/K7/17

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 137 | 2017 | Koptasin | Tlabna sabiex jinżebgħu l-parkeġġi fi Triq il-Kurunell Cocks |
| 138 | 2017 | J&K Contractors | Tlabna sabiex jiġi rranġat il-ħajt li twaqqa' fi Triq il-Fortizza. |
| 140 | 2017 | B. Grima and Sons | Tlabna sabiex isiru 4 tabelli ta' One Way (waħda minnhom trid tkun back to back) u tabella ta' No Right Turn li għandhom jeħlu fi Triq Patri Indri Vella. |
| 141 | 2017 | Koptasin | Tlabna sabiex jiġu rranġata road markings (Stops) ta' Triq Patri Indri Vella minħabba li parti mit-Triq ser ssir one way. |
| 142 | 2017 | Peter Micallef | Tlabnih sabiex isewwi l-Air condition tal-ufficju tal-Kunsill |
| 143 | 2017 | Koptasin | Tlabna sabiex jinżebgħu l-marki ta' traffiku ġodda fi Triq ir-Reġimenti Maltin fosthom centre dotted line, single white line mal-bankina, STOP eċċ. |
| 144 | 2017 | J&K Contractors | Tlabna sabiex titneħħa blata kbir mill-bajja. |
| 145 | 2017 | TSS Rentals | Tlabna sabiex jipprovdi speaker fuq stand, microphone u invertor għal nhar it-Tlieta 8 ta' Awwissu 2017 |
| 146 | 2017 | Infinite Fusion Technologies | Tlabna sabiex jissupplixxi u tibdel ir-router tal-wifi |
| 148 | 2017 | Omnistat | Tlabna sabiex jissupplixxi kexxun wieħed bħal għamara tal-ufficċju |
| 149 | 2017 | J&K Contractors | Tlabna sabiex jiġi rranġat ħajt milqut fi Triq Tobruk. |
| 150 | 2017 | J&K Contractors | Tlabna sabiex isir tiswija fuq il-culverts ta' Triq Camillo Sciberras, Triq Normandy u Triq il-Kurunell Lorenzo Manche |
| 151 | 2017 | Home Mate | Tlabna jissuplixxu xi rolers u materjal iehor ghaz-zebgha |
| 153 | 2017 | Corner Stone | Tlabna sabiex tkun preżenti għal-laqgħa ta' konsultazzjoni pubblika li ser issir dwar il-bini ta' skola ġdida f'Pembroke fi Triq Gabriele Henin nhar it-Tlieta 8 ta' Awwissu fis-6.00pm. |
| 154 | 2017 | Corner Stone | Tlabna sabiex tipprepara stima tal-ħsara li hemm fit-tarmak ta' Triq il-Mediterran. |

Kevin Borg
***Segretarju Eżekuttiv***

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

**Sindku** : Dean Hili LL. D. **Viċi Sindku** : Raymond Lanzon
**Kunsilliera** : Evelyn Vella Brincat, Mark Causon u Charles Cesare
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg